# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta’ Jannar, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**vs**
**Dillon Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 767/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Dillon Portelli ta’ 20 sena, iben Robert u Alexia nee’ Bonnici, imwieled Pieta’ nhar il-05 ta’ Dicembru 2000, residenti ‘PaulDom’, Flat 3, Triq A. Caligari, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 464900L.

Akkuzat talli nhar it-28 ta’ Ottubru 2021, fi Triq il-Marfa l-Mellieha, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ David Vella f’periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta’ natura gravi u li giet maghmula b’arma regolari, bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-imsemmi David Vella u minn issa tapplika l-provedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u tohrog Ordni ta’ Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet, inkluz il-parte civile, permezz ta’ liema ivverbalizzaw il-qbil taghhom li l-offiza sofferta mill-parte civile taqa’ taht definizzjoni ta’l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ai termini ta’ liema il-Qorti ikkonvertiet f’Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni l-eta ta’l-imputat, il-fedina penali netta tieghu u l-ammissjoni f’l-aktar stadju ta’ dawn il-proceduri. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll dak sottomess mill-partijiet kollha, inkluz il-parte civile, fis-sens li fil-kaz in ezami ma kienx ser iservi ta’ gid li l-imputat jiskonta piena karcerarja. Min-naha l-ohra, u tenut kont tan-natura serja tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-htiega li l-imputat jifhem il-gravita ta’ l-agir tieghu u jaghraf li huwa inammissibbli. Il-Qorti qiset ukoll li l-imputat ghandu, permezz ta’ probation officer, jigi indirizzat ghal kwalunkwe ghajnuna li jista’ jkollu bzonn biex jigi assigurat li dan l-agir ma jirripetiex ruhu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin**. In oltre b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28G ta’l-istess Kapitolu 9 qed tpoggi lill-imputat taht **ordni ta’ supervizzjoni ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin** bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti

kontestwalment, u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' David Vella u sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku qed torbot lill-imputat b'**obbligazzjoni tieghu nnifisu taht penali ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300) ghal perjodu ta' sena**. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed **tikkonfiska l-lembuba esebieta Dok GS5**.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**